**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 16**

**Data:** **10 ta' Lulju, 2020**

**Hin:** **07.52am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

16.1 Gbir ta' Skart Kummercjali;

16.2 Bye-Law Gbir ta' Skart.

---

**16.1 Gbir ta' Skart Kummercjali**

16.1.1 Is-Sindku spjega li din il-laqgha kienet issejhet b'urgenza minhabba problema kbira ta' skart generat mill-Holiday premises li ghandna madwar il-lokalita'. Gie spjegat li s-Sibt 4 ta' Gunju kien gie infurmat li fi Triq San Pietru kien inhareg l-iskart fis-1pm u wara li hu flimkien ma' haddiem marru fuq il-post u tnaddfet iz-zona fis-6pm kien rega' gie infurmat li kien rega hemm l-istess problema. Din il-problema baqghet tiggrava u mill-ufficcju tal-Kunsill saru telefonati lil dawn is-sidien sabiex issir twissija biex kulhadd josserva l-iskeda tal-gbir tal-iskart

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

mahruga mill-Kunsill. Il-Gimgha li ghaddiet rega gara l-istess. Huwa spjega li din hija problema kbira. Wiehed ta' min jiehu inkonsiderazzjoni li l-iskart minn dawn il-postijiet ma jingabarx izjed b'effett mill-1 ta' Awissu. Intqal ukoll li kien ikkuntatjat l-avukat biex ikunu spjegati l-ligijiet li jirregolaw l-iskart. L-avukat qabel ma' l-ideja li l-borza s-sewda ghandha tinbidel ma' wahda kkulurita biex tkun rikonoxxibli. Miriam Borg gibdet l-attenzjoni li s-sidien tal-farmhouses mhux dejjem ihalluhom borza tal-iskart tas-separazzjoni fil-post tal-akkomodazzjoni u l-probabilita' hija li dawn ma jisseparawx l-iskart. Is-Sindku ssugerixxa li tintuza borza trasparenti sabiex inkunu zguri li qed isir is-separazzjoni kif suppost. Huwa zied jghid li proposta ohra li tista' ssir hija li tinbidel id-data tal-gbir mit-Tnejn ghat-Tlieta ghall-skart imhallat u skart organiku pero' dan ma jistax isir din is-sena. Miriam Borg issugeriet ukoll li ssir laqgha ma' l-operaturi u dawn ihallsu xi haga ghal kull gabra u din issir nhar ta' Tlieta. Fuq dan il-punt is-Sindku nnota li l-problema hija li dawn ma jridux ihallsu u apparti dan mhux kulhadd ikollu l-istess gurnata.

Miriam Borg staqsiet jekk jistax ikollna zona maghluqa bhaz-zona ta' Birbuba jew San Pietru fejn isir l-iskart. Is-Sindku qal li l-problema hija li f'dak il-kaz jekk issib din irid ikollha persuna maghha l-hin kollu u jista' jinholoq kaz li jithalla skart barra f'kull hin.

Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jcemplilhom kollha u jinfurmawhom li jekk l-iskart ma jinharigx fil-borza apposta dan mhux ser jingabar. Hu zied jghid li min jinqabad johrog l-iskart f'hin jew f'gurnata li mhux suppost jehel multa. Is-Sindku qal li ghal din is-sena m'ghandx baqa' zmien li wiehed jintroduci sistemi godda u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li dan ghandu jidhol fis-sehh mis-sena d-diehla.

Is-Sindku pprezenta ittra ppreparata mill-avukat fejn giet moqrija lill-membri. Huwa qal li fil-prezent il-Kunsill ghandu lista ta' postijiet ta' akkomodazzjoni mahruga mill-Malta Tourisim Authority pero' hemm numru ta' postijiet ohra li mhumiex registrati.

Tkompliet id-diskussjoni fejn gie ikkuntatjat il-kuntrattur tal-gbir ta' skart biex jigu ccarati xi problemi. Gie mistoqsi jekk ir-ristoranti humiex obbligati li jisseparaw. Huwa wiegeb li huma suppost li jisseparaw pero' fil-prezent qed ikun kollu imhallat. Huwa qal li l-hgieg u l-kartun jigu migbura separatament. Fir-rigward ta' skart imhallat huma ihallsu bejn €4 eskluz VAT ghal kull 2-wheeler bin. Il-kuntrattur qal li s-sidien tal-postijiet ta' akkomodazzjoni huma obbligati li jkollhom kollezzjoni ta' gbir ta' skart taghhom privatament. Il-Kunsill irringrazzja lill-kuntrattur u tkompliet il-laqgha.

Is-Sindku qara l-avviz legali mibghuta mill-kuntrattur fejn hemm indikat li l-gbir ta' skart tal-postijiet ta' akkomodazzjoni huma f'idejn is-sidien tal-postijiet ta'

akkomodazzjoni. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku ssugerixxa ukoll li l-Kunsill ghandu jenfasizza li jigi provdut il-kuntratt u jekk wiehed ma jipprovdihx ikun qed jikser il-ligi.

Miriam Borg staqsiet jekk il-Malta Tourism Authority ghandhomx jinfurawhom u s-Sindku qal li huma suppost li jirregolawhom.

Il-Kunsill qabel li ghanda tinzamm laqgha mall-operaturi sabiex dawn ikunu notifikati bid-decizjonijiet tal-Kunsill

**16.2 Bye-Law Gbir ta' Skart**

16.2.1 Is-Sindku qal li tkellem mall-Kunsillier Joseph Mizzi sabiex tkun diskussa din il-problema u kien hemm qbil li ghandha tkun preparata bye-law. Fuq dan is-suggeriment il-Kunsill qabel li ghandha ssir bye-law tal-gbir ta' skart.

**16.3 Tmien tal-laqgha**

16.3.1 Il-laqgha spiccat fid-8.55pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |